MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 931/1989/1

Caterina Coleiro, u b’digriet ta’ l-20 ta’ Novembru 1998 l-atti gew trasfuzi f’isem Joseph, Jane mart Alfred Agius, George u Gerald, ahwa Coleiro
vs
(1) Francesca Saveria xebba, Mary xebba, John u Gerald ahwa Balzan
(2) Dottor Mark Chetcuti u l-P.L. Marie Paris b’digriet tal-24 ta’ Mejju 1989 nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Ciro Canna – Vacciuolo

Illum, 2 ta’ Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta’ Settembru 1989 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi l-attrici ipprestat servigi u assistenzi lil Francis Agius, li miet fis-17 ta’ Novembru 1988 ghaz-zmien li ddekorra

minn Marzu 1969 meta mietet mart l-imsemmi Agius, sas-sena 1988 meta l-istess Agius gie rikoverat fl-isptar St. Vincent De Paule.
Illi l-istess Francis Agius, b'testment atti Nutar Dottor Pierre Cassar tal-25 ta' Frar 1986, innomina u istitwixxa lill-konvenuti bhala eredi universali u propjetarji assoluti ta' gidu.

Illi l-istess Francis Agius qatt ma kkumpensa lill-attrici ghas-servigi u assistenzi rezi u l-legat imholli lilha 'a limine intus' fid-dar ta' l-abitazzjoni tieghu jikkonsisti f'xejn, stante li fid-dar ma kien hemm assolutament xejn ta' valur.

talbet li din il-Qorti:

1. tillikwida, jekk hemm bzonn permezz ta' periti li jigu nominati, dik is-somma li jidrilha gusta bhala kumpens ghas-servigi u assistenzi rezi mill-attrici lill-imsemmi Francis Agius, u

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali interpellatorja u tar-rikors ghal hatra ta' kuraturi tal-11 ta' Mejju 1989, u bl-imghaxijiet legali.

Il-konvenuti ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Francesca Saveria Balzan et fejn qalu:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici kif premessi huma in parti preskritti a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, Kap 16 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, 1984.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kwalsiasi servigi resi, li kienu mill-aktar minimi, gew diga adekwament kompensati.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati fejn qalu:

Illi huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal kawza u ghalhekk jirriservaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Jannar 1990 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fil-11 ta’ Lulju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din hija kawza dwar servigi rezi mill-attrici, li mietet fil-mori tal-kawza, lil certu Francis Agius li miet fis-17 ta’ Novembru 1988 u dan ghal perijodu ta’ dsatax-il sena mill-1969 sal-1988. Il-konvenuti ma jikkontestawx il-fatt li gew rezi servigi izda jikkontendu li l-attrici giet adegwatament kompensata ghalihom. Qabel ma jigi kkunsidrat il-mertu tal-kaz, iridu jsiru osservazzjonijiet dwar zewg eccezzjonijiet.

**L-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni**

L-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti ahwa Balzan hi fis-sens li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jghid fuq dan il-punt li skond il-gurisprudenza taghna, bhal per ezempju f’**Attard vs Magri** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’

l-Appell fil-11 ta' Jannar 1989, "rikonoxximent tas-servigi f'testment iservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni anke jekk tkun ghalqet, u din l-interruzzjoni topera *dietim*, cioe` tul iz-zmien li t-testment jibqa' validu, f'dan il-kaz sal-mewt".

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal **Dr. Edoardo Cutajar M.D. vs Teresa Xuereb et** deciza fis-6 ta' Ottubru 1951 (Vol. XXXV.ii.484) fejn din il-Qorti kienet qalet li legat rimuneratorju mholli mit-testatur bi hlas tas-servigi u alimenti li rrendietlu l-persuna gratifikata b'dak il-legat jammonta ghal ammissjoni tad-dejn tat-testatur lejn il-persuna gratifikata ghal dawk is-servigi, u kwindi bhala rikonoxximent li jinterrompi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ghall-hlas ta' dawk is-servigi.

Huwa veru li fil-kaz in ezami t-testatur fit-testment tieghu tal-25 ta' Frar 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar (fol. 5 sa 7 tal-process) it-testatur ma jghidx fit-Tielet Artikolu ta' dak it-testment li l-legat li kien qieghed ihalli lill-attrici *a limine intus* kien intiz biex jikkompensaha ghas-servigi minnha rezi, izda mill-provi migjuba m'hemmx dubju li dan il-legat kien intiz biex b'xi mod jikkompensa lill-attrici tas-servigi rezi.

Ghalhekk, dato li Francis Agius miet fis-17 ta' Novembru 1988 u c-citazzjoni giet intavolata fl-14 ta' Settembru 1989, l-azzjoni dedotta, kif tajjeb ikkonkluda l-perit legali, mhijiex preskritta u l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Balzan hi konsegwentement michuda.

**L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju**

Fis-seduta peritali tat-28 ta' Mejju 1991 Dr. Pierre Lofaro ghall-konvenuti Balzan talab lill-perit legali jirrimetti lura l-process lill-Qorti sabiex qabel xejn tigi deciza l-eccezzjoni preliminari li l-klijebti tieghu pprezentaw dakinhar fis-sens li l-Qorti ma tihux konjizzjoni ta' l-allegati servigi pprestati bejn Marzu 1969 u Jannar 1986 stante li kwalunkwe kumpens dovut ghal dawn is-servigi jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn l-attrici u zewgha li miet fl-20 ta' Jannar 1986 u ghalhekk, peress li l-eredi ta'

zewg l-attrici mhumiex parti f'din il-kawza l-gudizzju mhux integru.

Mill-atti f'idejn il-Qorti ma jirrizultax li tali eccezzjoni gietipprezentata formalment izda nonostante dan se tikkunsidra l-istess eccezzjoni.

Issa permezz ta' nota ta' l-attrici pprezentata fis-27 ta' Jannar 1992 (a fol. 33 u 34), gie esebit ftehim datat it-12 ta' Dicembru 1991 li permezz tieghu ulied l-attrici u l-unici werrieta ta' missierhom Gerald Coleiro (ir-ragel ta' l-attrici), assenjaw lill-attrici kwalsiasi sehem li l-mejjet Gerald Coleiro seta' kellu mid-dritt ghall-hlas ta' servigi li l-attrici kienet ghamlet ma' Francis Agius kif ukoll kwalsiasi dritt litigjuz, u dan akkont ta' sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejn l-attrici u l-mejjet zewgha.

Apparti dan, fil-mori tal-kawza mietet l-attrici u dahlu fil-kawza minflokha l-istess uliedha.

Ghaldaqstant l-imsemmija eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju hi wkoll michuda.

**Konsiderazzjonijiet fil-mertu**

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali kkonkluda li l-attrici giet adegwatament kompensata tul hajjitha, u dan wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"15. Mill-provi migbura jidher li bejn il-parijiet id-divergenza principali hija jekk l-attrici gietx jew le kumpensata ghas-servigi li rrendiet lil, illum mejjet, Francis Agius.  Il-partijiet, bejn wiehed u iehor, jaqblu li l-attrici rrendiet xi servigi lid-decuius u f'hiex kienu jikkonsistu dawn is-servigi hemm qbil ukoll.  Ovvjament, l-attrici tipprova "tonfoh" is-servigi li rrendiet, waqt li l-konvenuti jippruvaw juru li dawn ma kienu xejn specjali. Hekk per ezempju, l-attrici tghid li ta kuljum kienet tixtrilu l-ikel, filwaqt li l-konvenuta tghid li ftit affarijiet ghall-breakfast kienet tixtrilu.  Ukoll, l-attrici tghid li hi kienet issajjarlu u tehodlu l-ikel f'nofsinhar, waqt li l-konvenuti jghidu li l-attrici kienet issajjar f'borma wahda u mill-ikel ta'

Francis Agius (li kien jixtri bi flusu) kienu jieklu wkoll il-familja taghha. L-attrici tghid li kienet tahsillu hwejgu kollha, filwaqt li l-konvenuta tghid li ma kienitx tahsillu l-hwejjeg intimi tieghu u lanqas il-lozor, u l-hasil kienet taghmlu f’washing machine li xtara hu. Fejn imbaghad hemm konflitt totali hu fejn l-atrici tghid li qatt ma hadet xejn ghas –servigi minnha resi, u l-konvenuta tghid li Francis Agius kien jikkumpensa dejjem lil min kien jghinu f’xi haga.

16. Francis Agius, fit-testment tieghu, halla legat favur l-attrici tal-ghamara kollha li kellu fid-dar tieghu, izda din ma jidhirx li kienet xi haga specjali ghax meta din l-ghamara giet stmata, l-valur kien biss ta’ Lm150. Din is-somma, pero’, hi hlas sufficjenti tas-servigi li rrendiet l-attrici? Il-gurisprudenza taghna hi uniformi fis-sens li dak li decujus inizzel f’testment mhux necessarjament jorbot. (Ara, per ezempju, “Ellul vs Gauci et, deciza minn din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta’ Frar 1983). Jekk testatur ihalli kumpens ghas-servigi allegatament resi minn xi hadd, sta dejjem ghall-eredi tieghu jippruvaw li, bhala fatt, dak ix-xi hadd ma rrenda ebda servizz u, min-naha l-ohra, sta wkoll ghal dak li rrenda s-servizzi biex ighid li haqqu aktar minn dak imholli lilu fit-testment. Issa, f’din il-kawza, l-konvenuti mhumiex qed jikkontestaw it-testment, u kwindi jaccettaw li xi servigi li l-attrici rrendiet. L-attrici, pero’, qed issostni li l-kumpens imholli lilha fit-testment huwa ftit wisq, u qed titlob li jigi likwidat lilha somma ohra ta’ flus. Hawn il-konvenuti jopponu: jallegaw li ghal ftit servigi li rrendiet l-attrici giet oltre milli kompensata.

17. Il-posizzjoni mhux facli li tigi risolta ghax il-provi – fuq dan il-punt ta’ kumpens – huwa diamettrikament kontra xulxin, u ebda naha ma ressqet prova oggettiva in sostenn tat-tesi taghha. Li hu zgur, pero’, hu li l-konvenuta li xehdet kienet cara u preciza fix-xhieda taghha, u xehdet b’mod dettaljat hafna, u taghti l-impressjoni li dak li l-attrici u wliedha ghamlu ma’ Francis Agius m’ghamluhx bil-qalb, izda ghall-flus; kieku ma kienux qed igawdu minn fuq daru, ma kienu jaghmlu mieghu xejn!

18. Hemm qbil li Francis Agius, sakemm dahal Has-Serh, kien bniedem fuq saqajh, kapaci jiehu hsieb hwejgu,

u baqa' mohhu lucidu sal-ahhar. Kien ukoll galantom, u ma jidhirx li kien bniedem li kien ihobb ikollu obbligazzjonijiet lejn hadd. Ma kienx japprofitta ruhu minn xi hadd, tant li kien joqghod attent li fejn imur u x'jixtri kien ihallas hu. Anke' ghall-funeral tieghu haseb billi warrab xi flus f'idejn il-konvenuti biex dawn jaghmlu funeral sabih. L-esponenti, ovvjament, ma ltaqax ma' dan Francis agius, izda l-impressjoni li ghandu hu li dan Francis Agius kien ragel bil-ghaqal u kien jaf x'inhu jaghmel u ma kien ihalli lil hadd mhux kumpensat ta' dak li jista' jaghmel mieghu. Fuq dan, anke' wlied l-attrici jaqblu, ghax ighidu li hu kien jikkompensa lil kullhadd –hlief lill-ommhom! Lill-esponenti ma ntweriex li Francis Agius seta' kellu xi mibgheda lejn l-attrici, jew li kellu xi raguni ghaliex ma jikkompensax lill-attrici, bhal ma kien jaghmel ma kullhadd. Hija, kwindi, aktar verosimili t-tesi tal-konvenuti, li l-attrici u wliedha kienu jigu dejjem ikkumpensati ta' dak li kienu jaghmlu mieghu. Kemm jekk kien jaghtihom flus, kemm jekk johroghom jieklu, jew kemm billi kienu jieklu borma wahda mill-ikel li kien jixtri hu, xi haga hadu. Pjuttost jidher ukoll li l-attrici kienet tiffittah aktar milli kien jixtieq hu; d-decujus jidher li kien bniedem li jahseb ghal rasu u, ghalkemm kien jiehu pjacir bl-ghajnuna li kien jinghata, kellu limitu fejn ihalli lil haddiehor jindahallu u jirregolalu hajtu.

19. Is-servigi resi f'dan il-kaz m'humiex ta' natura impenjattiva. Il-Qrati taghna jillikwidaw kumpens ftit imdaqqas meta l-benificcjarju jkun totalment dipendenti fuq persuni ohra, anke' ghall-affarijiet l-izjed intimi. Id-decujus, f'dan il-kaz, la kien mixhut f'sodda ghal zmien twil, la kien "house bound" u lanqas kien affett minn xi marda li htieget kura u attenzjoni partikolari. Kwindi l-kumpens, f'kull kaz, kien ikun wiehed baxx, u l-esponenti hu propens jaccetta li dan il-kumpens l-attrici haditu tul il-hajja ta' Francis Agius. L-esponenti jhoss illi kieku l-attrici rrendiet servigi ta' certa' entita' ma' Francis Agius, dan ma kienx jonqos jahseb fiha fit-testment. Il-fatt li hallielha biss l-ghamara li kellu fid-dar, jaghti x'jifhem li hu kien ihoss, fil-kuxjenza, li kien gja' kkumpensaha bizzejjed. Hi zammet ukoll id-deheb li kellu. Hu probabbli li lanqas din l-ghamara ma kien ihallilha fit-testment kieku ma kienitx teqirdu l-attrici, u dan mhux ghax kien xhih maghha, imma

ghax deherlu li kien diga’ ghaddielha bizzejjed. Fuq kollox, il-mod kif wiehed jaghti ghajnuna, hija wkoll rilevanti: Altru persuna tghin ghax genwinament thoss ghal dik il-persuna, u altru taghmel xi haga, kwazi ta’ bil-fors, biex tipprova tehodlu gidu. Il-beneficcjarju, specjalment jekk ma jkunx senili jew marid, ihoss id-differenza fl-attitutni u dan ghandu, bhal kull konsiderazzjoni ohra, jirrifletti fuq il-kumpens. Kollox ma’ kollox, l-esponenti hu tal-fehma li, ghas-servigi li rrendiet l-attrici ma’ Francis Agius, hija giet adegwatament kumpensata kemm matul hajtu, kif ukoll wara mewtu.”

Minn ezami akkurata li l-Qorti ghamlet tal-provi mressqa, m'hemm l-ebda dubju li l-attrici kienet irceviet certu ammont ta' kumpens, u dan apparti l-legat li thalla lilha *a limine intus*. Ma jidhirx li huwa kontestat il-fatt li meta miet l-imsemmi Francis Agius il-valur ta' l-oggetti li nstabu d-dar kien minimu. Izda l-konvenuti jelenkaw diversi oggetti ohra li hadet l-attrici matul is-snin: *washing-machine*, il-bjankerija (inkluz *coat* tal-*fur*) ta' mart id-*decuius* u li qasmet mal-mara ta' huha Concetta Baldacchino, xi oggetti tad-deheb, mejda antika tan-nanna maghrufa bhala "tal-biskuttin", par vazuni antiki u sett tal-fidda tat-twaletta. Barra minn dan il-konvenuta Francesca Saveria Balzan qalet li Carmela Baldacchino, oht il-mara ta' Francis Agius li kienet tghix fl-istess dar mieghu, kienet qaltilha li hija kienet taqsam ma' l-attrici dak li tiehu mill-Welfare (bhal gobon u zejt) u xi haga mill-pensjoni tax-xahar u kienet ukoll taqsam minn dak li kien igib Francis Agius id-dar. Qalet ukoll li meta l-attrici kienet tixtrilhom, kienet tiekol b'xejn hi kif ukoll zewgha minn dak li ssajjar Carmela Baldacchino. Allegat li l-attrici stess qaltilha waqt il-funeral ta' Francis Agius li dan Agius kien itiha Lm2 fil-gimgha talli tahsillu u waqaf meta hija waqfet tahsillu. Meta Agius kien Haz-Zmien fejn normalment kien joqghod mill-Erbgha sal-Hadd filwaqt li mill-Hadd sa l-Erbgha kien imur id-dar tieghu, Agius kien ighid lill-attrici biex tiehu kull ma jkun hemm fil-*fridge* u titfieh. Meta kien johrog ma' l-attrici u l-familja taghha kienet tigieh Lm5 kull darba. Interessanti wkoll dak li qalet Mary Balzan fl-affidavit taghha li darba fil-Karnival kienet il-Belt u saqsiet lill-attrici kif inhi sejra maz-ziju Cikk u din wegbitha bil-herra

quddiem zewgha: "Jien ma' ohti Carmela qeghda, mhux mieghu".

Huwa forsi sinjifikattiv il-fatt li l-attrici qatt ma nnegat jew ikkontradixxiet dak li l-konvenuti sostnew dwar il-mod kif jallegaw li hi giet ikkumpensata ta' kull ma setghet ghamlet. Tant hu hekk li l-unika haga li dwarha hija tikkontradici lill-konvenuti tirrigwarda l-prezz tal-*washing-machine* li l-konvenuti qalu li kienet tiswa Lm300 filwaqt li hija, permezz ta' nota tat-3 ta' Dicembru 1999, ipprezentat ircevuta relattivament ghal *washing-machine* li nxtara bil-prezz ta' Lm160.

F'cirkostanzi bhal dak odjern mhuwiex possibbli li wiehed jaghmel kalkolazzjoni matematikament preciza sija tas-servigi rezi mill-attrici sija tal-kumpens li hija hadet. Irid jigi osservat pero` li m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li dawk is-servigi li hija rrendiet meta ohtha Carmela kienet ghadha hajja, kienu qeghdin jigu rezi sew lilha kif ukoll lil Francis Agius in kwantu x-xiri, it-tindif u l-hasil tad-dar. U hawn si tratta biss ta' servigi rezi lil Francis Agius kemm ghall-perijodu meta Carmela Baldacchino kienet ghada hajja kif ukoll ghall-perijodu ta' wara meta Francis Agius kien diga` dahal Haz-Zmien u wara l-mewt ta' Carmela Baldacchino. Ghalhekk ukoll f'kull komputazzjoni ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni xi oggetti li l-attrici setghet hadet, bhall-mejda "tal-biskuttin", li ma kinux jappartjenu lill-istess Francis Agius. U billi id-*decuius* kien dahal haz-Zmien, is-servigi rezi wara l-1979 naqsu peress li kien jaghmel id-dar xi tlieta jew erbat ijiem fil-gimgha. Inoltre fl-ahhar snin kienu anke bdew iduru bih il-konvenuti Balzan.

Ghalhekk tajjeb issottometta l-perit legali li d-*decuius* "la kien mixhut f'sodda ghal zmien twil, la kien 'house bound' u lanqas kien affett minn xi marda li htieget kura u attenzjoni partikolari … l-kumpens f'kull kaz kien ikun wiehed baxx". Izda l-Qorti ma jidhrilhiex li daqstant baxx li m'ghandu jigi likwidat l-ebda ammont ulterjuri ghal dak li hija diga` hadet. Ghalhekk *arbitrio boni viri* qed tigi likwidata s-somma ta' Lm500 bhala kumpens bilancjali dovuta lill-attrici.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari u l-eccezzjoni ultejuri tal-konvenuti ahwa Balzan, tilqa' in parti t-tieni eccezzjoni taghhom u tiddisponi mit-talbiet attrici billi:

(1) tillikwida l-kumpens bilancjali dovut ghas-servigi rezi mill-attrici lil Francis Agius fis-somma ta' Lm500, u
(2) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici din is-somma hekk likwidata ta' Lm500 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li fic-cirkostanzi jithallsu kwantu ghal kwart mill-atturi u kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**